- *APPALT –*
- *ARTIKOLU 1635 TAL-KAP 16 –*
- *XOGHOL MHUX KOMPLETAT –*
- *XOGHOL MHUX SKOND IS-SENGHA –*
- *NUQQAS TA' PROVA TAL-ISPEJJEZ –*
- *LEGITTIMU KONTRADITTUR -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Marzu, 2002**

**Kawza Numru: 27**
**Citazzjoni Numru: 246/97/RCP**

**Joseph Muscat**

**vs**

**Joyce Darmanin**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta hija debitrici tal-attur is-somma ta' elf tmien mija u seba' liri Maltin u tmenin centezmu (Lm1,807.80) rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet rezi fuq ordni taghha stess, u prezz ta' materjal li gie mixtri mill-attur u kkonsenjat lilha fuq ordni taghha stess u dan skond stima annessa u mmarkata Dok. "A".

Illi l-konvenuta, ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Ottubru 1996, baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf, tmien mija u seba' liri Maltin u tmenin centezmu (Lm1,807.80) dovuti bhala prezz ta' xoghlijiet rezi u ta' materjal mixtri mill-attur fuq ordni taghha stess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Ottubru 1996 u tal-mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment ma' dina c-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-20 ta' Novembru 1997 (a fol. 9A) fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li Joyce Darmanin, fil-kwalita' personali taghha, qatt ma dahlet f'relazzjoni guridika ma' l-attur, hija ghamlet dan ghan-nom ta' kumpanija;

2. Illi bla pregudizzju ghal dan, l-azzjoni attrici hija intempestiva u irritwali stante li kien hemm ftehim biex jitqabbad perit li kellu jwassal lill-partijiet ghal ftehim bonarju;

3. Illi fuq il-meritu, u bla pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba mill-attur mhix kollha dovuta peress li meta gie miftiehem l-appalt, il-prezz mitlub kien ferm anqas minn dak li beda jitlob, u qieghed jitlob l-attur;

4. Illi barra minn hekk, mhux talli x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, talli xi xoghol li kellu jsir fil-fatt ma sarx;

5. Illi meta kien qed isir diskors dwar il-hlas, l-attur ma kienx lest jirrilaxxja r-ricevuti skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 10 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Dicembru 1997; tat-8 ta' Gunju 1998 fejn xehed l-attur. Dr. Leslie Cuschieri ddikjara li jaqbel illi d-dokument Dok. 'A' a fol. 5 tal-process huwa kopja fidila tal-original; tas-27 ta' Jannar 1999 fejn xehed l-attur; tal-20 ta' Ottubru 1999 fejn Dr. Vassallo pprezenta nota bi tliet dokumenti u ddikjara li lest mill-ezami tal-attur. Xehed in kontro-ezami l-attur. Dr. Cuschieri talab illi jipprezenta l-provi tieghu, sa fejn possibbli, bil-procedura tal-affidavit; tat-13 ta' Marzu 2000 fejn xehed in kontro-ezami l-attur; tas-7 ta' April 2000 fejn Dr. Franco Vassallo ddikjara li m'ghandux provi aktar u tal-14 ta' Dicembru 2000.

Rat in-nota ta' Joyce Darmanin li biha esebiet l-affidavit taghha;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Jannar 2001; tal-15 ta' Marzu 2001 fejn xehdu Peter Montebello u Joyce Darmanin. Dr. Leslie Cuschieri ddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-12 ta' Gunju 2001; tas-6 ta' Novembru 2001 fejn xehdet Joyce Darmanin; u tal-11 ta' Dicembru 2001 fejn id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jaghmel din il-kawza ghas-somma ta' Lm1,807.80 rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet rezi fuq ordni allegatament taghha stess, u prezz ta' materjal li gie mixtri mill-attur u li hu kkonsenja lilha fuq ordni taghha stess u wara li taha stima.

Illi fix-xhieda tieghu l-attur **Joseph Muscat** ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Huwa nsista li dejjem ittratta mal-konvenuta personalment u qatt ma qaltlu illi kienet ftehmet mieghu ghan-nom ta' xi kumpanija. Huwa kien jaf li l-hanut fejn saru x-xoghlijiet jismu "Mathews". Huwa kkonferma wkoll illi Dok 'A' a fol.5 tal-process huwa fotokopja tal-ftehim originali. Huwa jahseb li t-3 ta' Gunju, 1996 hija d-data ta' meta hareg il-kont.

Huwa spjega x-xoghol li ghamel skond il-ftehim fid-Dok. 'A' a fol. 5 tal-process. Dan ghamlu kollu wahdu. Huwa spjega wkoll illi s-somma ta' Lm372 li tidher fil-kont hija ghall-ispejjez tal-materjal. Il-kumplament tax-xoghol li mhux kompriz bl-elf lira kellu jithallas Lm200 tieghu. Dan ix-xoghol kollu hadlu tliet xhur u nofs u kien jahdem hamest (5) ijiem fil-gimgha. Huwa xehed li waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol generalment kienet tkun prezenti l-konvenuta, gieli minflokha kien ikun hemm ohtha u gieli nzertahom it-tnejn.

Illi l-attur kompla jghid li l-konvenuta kienet issuggeriet illi jerga' jpoggi l-madum tal-art li kien gie maqlugh minn zewgha u dan jinbidel. Huwa qalilha li kien jaqblilha tbiddel il-katusi izda hi ma rieditx. Sussegwentement, il-konvenuta qabdet lil haddiehor. Hu qal li x-xoghol li kellu skond id-dokument "A" kien ikkompletah. Imbaghad kitbilha bl-avukat biex thallsu izda din ma waslitx.

Illi in kontro-ezami xehed li x-xoghol esegwit minnu sar matul is-sena 1995. Huwa qatt ma ha xi depozitu akkont ta' xoghlhu. Matul iz-zmien li hadem kien impjegat mal-*Water Services Corportation* pero' x-xoghol tieghu ma' din il-korporazzjoni kien bix-*shift*. Skond huwa l-konvenuta dejjem insistiet illi meta thallsu johrogilha l-ircevuta u hu kien jghidlha li hekk se jaghmel. Originarjament huwa qabel li kien ftiehem maghha illi jithallas ta' xoghlhu fis-somma ta' Lm1,1000 minbarra l-ispejjez. Huwa cahad li qatt qal lill-konvenuta li l-katusi kien biddilhom ghax hi ma rieditux. Lanqas mhu veru illi l-konvenuta kienet qaltlu biex ibaxxi l-livell tal-madum u l-livell tal-katusi. Huwa xehed li kien ghamlilha stima. Il-kont esebit tahula wara li spicca mix-xoghol u fih hemm nieqes dak ix-xoghol li m'ghamilx. Dan il-kont huwa skond l-istima tax-xoghol (mhux materjal) li kien ta lill-konvenuta bil-miktub u ghadda din il-karta lill-konvenuta. Kopja ta' din l-istima ghandu u pprometta li jesebiha. Il-kont tieghu jinkludi l-prezz tal-materjal mixtri minnu. Din l-istima ma gietx iffirmata mill-konvenuta.

Inoltre' xehed li l-konvenuta waqt il-kawza cemplitlu u qaltlu li riedet thallsu.

Illi l-konvenuta **Joyce Darmanin** xehdet li hi awtorizzata tidher f'isem il-kumpanija *Mathews Enterprises Ltd*. li hija kumpanija tal-familja. Din il-kumpanija tmexxi l-*Mathews Take-Away* u recentement il-*Mathews Restaurant*. L-attur, skond hi, kien klient taghha u ilu jaf li dawn il-proprjetajiet kienu tal-familja. Hi spjegat li fin-1993 meta kien se jinfetah ir-*restaurant*, gabet *designer* u taha lista ta' affarijiet li kellha bzonn isiru. Imbaghad kellmet lil Muscat u huwa ghamlilhom stima. Is-somma ta' Lm1,100, skond hi, kellha tkopri kemm l-ispejjez tal-materjal kif ukoll l-ispejjez tax-xoghol. L-uniku haga li ma kienitx imnizzla kienet il-V.A.T. Huma tkellmu car li l-materjal kellu jhallas ghalih hu. Hi kellha wkoll tipprovdi l-madum tal-kcina u t-*toilet* u ta' l-art, u l-attur kellu jqieghdu u jithallas tax-xoghol biss. Hi ma hallsitx depozitu. Ir-raguni allegatament kienet li hu xtaq jahdem bla ricevuta. Biss hi nsistiet li kellha bzonn l-ircevuti biex il-kumpanija tkun tista' titlob *refund* mill-*V.A.T. Department* kif ukoll minhabba l-*accounts* tal-kumpanija, u huwa accetta li japplika ghar-registrazzjoni mal-V.A.T.

Illi hi qalet li x-xoghol beda naqra naqra, u spiss kienet tinnota xoghol mhux tajjeb u kienet titolbu jaghmlu mill-gdid. Hija spjegat li meta ftehmu dwar ix-xoghol li kellu jsir kienu ftehmu li peress li l-fond kien ser jigi konvertit f'*restaurant*, kien hemm bzonn ta' *grease trap* li min-natura taghha tirrikjedi katusi li jiffitjaw maghha. Kwindi meta fl-

istima tnizzel li l-attur kien se jaghmillha *grease trap* fehmet li l-katusi ta' maghha kienu nkluzi. Inoltre' qalet li talbuh iqieghed il-katusi l-godda aktar fil-baxx sabiex il-madum il-gdid jinzel taht il-livell tal-qatran. Muscat qalilha li ghamlu.

Illi skond hi l-inkwiet mal-attur inqala' meta kien qed jaghmel il-*grease trap* (fil-bitha) li hi ntenzjonata biex jaqghu fiha x-xahmijiet ta' l-ikel u ta' wara t-tindif. Huwa ghamilha oghla mill-livell tar-*restaurant* u qaltlu biex jaqlaghha u jbaxxiha ghax kienet kontra r-regoli tas-sanita'. Argumentaw u peress li ma qabilx maghha qalet li hu ddecieda li jieqaf minn xoghlhu u telaq. Huwa halla l-ghodda u stennietu jerga' jmur. Meta rat li kien ghadda hafna zmien u ma tfaccax qabbdet persuni ohrajn biex jaghmlu l-*grease trap* mill-gdid u jkomplu x-xoghol l-iehor. Wara li ghadda hafna zmien irceviet ittra ghall-hlas u ghall-ghodod. Hija riedet thallsu tax-xoghol li kien ghamel tajjeb imma ma qablitx mal-kont li baghat. L-ghodda hadha lura. Meta mar jahdmilha Peter Montebello nfurmaha li mhux talli l-katusi ma kienux inbidlu, talli kien hemm *pipes* ta' l-ilma li ntrifsu u nkisru jew instaddu – dawn kellhom jinbidlu kollha – u l-*grease trap* saret mill-gdid ukoll.

Il-konvenuta spjegat li mhux qed taqbel mal-kont ta' Muscat ghal zewg ragunijiet:-

(a) Mill-istima originali ghall-kont kellhom jitnaqqsu l-ispejjez u hlasijiet relatati mal-*grease trap* li kellha ssir mill-gdid minn Peter Montebello; jitnaqqas il-hlas tax-xoghol tal-

konkos fl-art li l-attur allegatament m'ghamilx u kellu jsir minn haddiehor. Inoltre' l-attur talab hlas ghat-tibjid tal-bitha, tikhil tal-fili fil-hajt u ghall-kisi tas-saqaf tal-kcina li bdihom u ma kompliex, u kellhom isiru minn haddiehor. Ta' dan ix-xoghol kollu nieqes, l-attur naqqas biss Lm100. Inoltre' skond l-istima, tqeghid tal-madum tal-kcina u tat-*toilets* kellu jiswa Lm250. Huwa ghamlilha tal-kcina biss u ta' dan qed jippretendi li jnaqqas Lm50 biss.

(b) Fil-kont l-attur dahhal Lm372 bhala xoghol iehor, izda mbaghad qal li dan kien il-prezz tal-materjal. Hija ssostni li l-materjal kien inkluz fl-istima originali u ma kellux jithallas apparti. Barra minn hekk qalet li din is-somma hi esagerata u l-attur messu gab l-ircevuti.

Inoltre' xehdet li huwa baghtilha diversi ittri fejn talabha ammonti ta' flus differenti. Hija qalet li kienet iccempillu u tghidlu li kienet lesta li thallsu ta' dak li ghamel, basta ma johdilhiex iz-zejjed u jtiha rcevuta fiskali. Imbaghad kitbitlu bl-avukat fejn gie ssuggerit li jingieb perit izda qabel ma ntlahaq ftehim infethet il-kawza u kwindi thoss li m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez tal-kawza.

Illi hija xehdet *viva voce* li gabet aktar minn haddiem wiehed pero' ma ftakritx isimhom. Qalet li lil dak li ghamlilha t-*toilets* tatu Lm250 u tal-madum tal-art aktar minn Lm100.

Illi in kontro-ezami qalet li hi kienet kellmet lill-avukat tal-fiducja taghha u halliet f'idejh biex imexxi billi jiktbu ittra lill-attur. Hija cahdet li qatt cemplet lill-attur biex tghidlu li se thallsu u dan ghaliex huwa ma spiccahx ix-xoghol. Hija cahdet ukoll, ghal kuntrarju li hemm imnizzel fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2000 li Dr. Vassallo ghaddielha l-istima tax-xoghol prezenzjalment biex turiha lill-avukat taghha. Qalet fl-ahharnett li ma tiftakarx jekk cemplitlux; biss dejjem qaltlu li riedet thallsu talli ghamel.

Illi xehed ukoll **Peter Montebello**, kuntrattur, li hadem fir-*restaurant* "Mathews" tal-konvenuta. Huwa qal li kienet hi li avvicinatu biex jaghmel ix-xoghol. Hija qaltlu biex jiccekkja l-*grease trap*. Meta mar sab illi din kienet oghla milli suppost. B'hekk qalilha li din ried ikissirha. Imbaghad meta qala' din il-*grease trap* sab illi l-katusi ma kienux mibdula hlief ghal bicca. Huwa biddel il-katusi minn gewwa mill-bini sal-applikazzjoni ta' barra u bejn wiehed u iehor thallas Lm500. Huwa qal li kien jidher li l-*grease trap* u l-bicca katusa ta' maghha kienu godda. Pero' l-medda kienet antika ghax kienet tac-caqquf stil antik. Huwa qal li l-*grease trap* setghet titqabbad mal-katusi antiki imma basta jsir skond is-sengha.

(i) **<u>L-EWWEL ECCEZZJONI</u>**

Il-konvenuta eccepiet *"illi preliminarjament hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li Joyce Darmanin, fil-kwalita' personali taghha, qatt ma dahlet*

*f'relazzjoni guridika ma' l-attur, hija ghamlet dan ghan-nom tal-kumpanija".*

Illi l-attur fix-xhieda tieghu baqa' jinsisti li huwa dejjem tkellem mal-konvenuta f'isimha u qatt ma ssemmiet l-ebda kumpanija li hi kienet qed titkellem bhala rapprezentanta taghha. Huwa kien ovvjament a konoxxenza li x-xoghol kien se jsir f'fond li kien se jigi konvertit f'*restaurant*, pero' b'daqshekk ma jimplikax li huwa kien jaf li l-konvenuta kif qed tallega kienet qed titkellem f'isem il-kumpanija tal-familja. Lanqas ma hi prova sufficjenti dak li l-istess konvenuta ddikjarat fl-affidavit taghha cjoe' meta qalet *"jien awtorizzata nidher f'isem il-kumpanija Mathews Enterprises Ltd. li hija kumpanija tal-familja. Din il-kumpanija tmexxi l-Mathews Take-Away u recentement il-Mathews Restaurant f'Marsaxlokk. Joseph Muscat l-attur kien klijent taghna u ilu jaf li dawn il-proprjetajiet kienu tal-familja".* Il-fatt li kien jaf li dawn il-proprjetajiet kienu tal-familja ma jfissirx li hija kienet qed titkellem mhux f'isimha personali imma f'isem socjeta'.

Inoltre' fl-ittra esebita mill-konvenuta nnifisha (Dok JD3 a fol. 52 tal-process) jirrizulta illi l-avukat difensur taghha ta' dak iz-zmien kien kiteb lill-attur u beda l-ittra tieghu b'dan il-mod: *"Nikteb fl-interess ta' Joyce Darmanin ta' Mathew's Supermarket ….."* li jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-konvenuta dejjem tkellmet mal-attur f'isimha personali. Hija semmiet fix-xhieda taghha li meta kellmet lill-avukat, qaltlu bil-kwistjoni u halliet f'idejh. Kwindi ladarba hi qatt

ma tkellmet mal-attur f'isem il-kumpanija ma setghetx tghidlu hekk lill-avukat. Di piu' jinghad li huwa mportanti li persuna taghmilha cara f'liema vesti tkun qed titkellem u mhux tippresumi li l-parti l-ohra taf.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

(ii) **IT-TIENI ECCEZZJONI**

Il-konvenuta eccepiet ukoll *"illi bla pregudizzju ghal dan, l-azzjoni attrici hija intempestiva u irritwali stante li kien hemm ftehim biex jitqabbad perit li kellu jwassal lill-partijiet ghal ftehim bonarju".*

Illi kienet il-konvenuta li ssuggeriet li jitqabbad perit. Min-naha tieghu l-attur irrisponda b'ittra *"minghajr pregudizzju"* li huwa kien qed jaqbel li jitqabbad perit jekk dan kien ser jaghmel stima a bazi tar-rati li kienu ftehmu fuqhom huwa u l-konvenuta. Pero' huwa kompla li jekk kien qed jigi propost li jiqabbad perit sabiex jaghmel stima tax-xoghol, dan ma kienx accettabbli ghalih peress illi hu kien qed isostni li l-konvenuta kienet accettat li x-xoghol isir b'dawk ir-rati. Kwindi ma jistax jinghad li kif issostni l-konvenuta kien hemm ftehim biex jitqabbad perit. Jidher li kien hemm tentattivi bejn il-partijiet sabiex jaslu ghal xi tip ta' ftehim, pero' ladarba ma waslux dan am kienx jippreklud lill-attur milli jiftah il-kawza odjerna.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet imsemmija anke din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda.

(iii) **<u>IT-TIELET U R-RABA' ECCEZZJONI</u>**

Il-konvenuta eccepiet ukoll is-segwenti eccezzjonijet:

*"Illi fuq il-meritu, u bla pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba mill-attur mhix kollha dovuta peress li meta gie miftiehem l-appalt, il-prezz mitlub kien ferm anqas minn dak li beda jitlob, u qieghed jitlob l-attur".*

*"Illi barra minn hekk, mhux talli x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, talli xi xoghol li kellu jsir fil-fatt ma sarx".*

Illi l-azzjoni odjerna tinkwadra ruhha taht it-titlu tal-istitut ta' l-appalti. Fil-fatt **l-Artikolu 1635 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid hekk:-

*"Meta wiehed jigi mqabbad ghal xi xoghol, jista' jigi miftiehem li hu ghandu jaghti biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, inkella li jaghti wkoll il-materjal."*

**L-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili** jaqra:-

*(1) "Min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun diga' beda.*

*(2) "Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhix izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt.*

*(3) "Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilita' ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li jkun sofra".*

*(4) "Kull somma moghtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inhall ghandha tigi applikata ghal dak dovut skond is-subartikolu (2) jew (3) ta' dan l-artikolu u l-appaltatur ghandu jrodd lil min ikun ikun ta x-xoghol kull eccess li jirrizulta".*

*(5) "Il-kuntratt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt, u dan bla htiega ta' ebda awtorita' jew konferma mill-Qorti".*

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-attur effettivament ghamel xoghlijiet fir-ristorant tal-konvenuta. Hija stess tammetti dan u tenniet diversi drabi li hija kienet lesta thallas lill-attur tax-xoghol li ghamlilha. Illi l-kontestazzjoni min-naha tal-

konvenuta hija li ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez u hlasijiet relatati mal-*grease trap* li mbaghad kellha ssir mill-gdid minn Peter Montebello. Mix-xhieda tal-istess konvenuta rrizulta li l-inkwiet proprju beda meta l-attur kien qed jaghmel il-*grease trap* peress li hi talbitu biex jaqlaghha minn kif ghamilha stante li kienet oghla mill-livell rikjest mis-Sanita'. Dan kien gie kkonfermat minn Peter Montebello, kuntrattur, li gie mqabbad mill-konvenuta sabiex jirranga l-*grease trap* u jaghmilha kif suppost. Fix-xhieda tieghu huwa kkonferma li sabha oghla milli suppost u kellu jbiddilha flimkien mal-katusi. Huwa in fatti xehed li kien jidher li l-*grease trap* u bicca katusa mieghu kienu godda pero' riedu jitkissru sabiex isiru kif suppost.

Illi certament, ladarba l-attur m'ghamilx ix-xoghol skond is-sengha u l-arti dan ghandhu jittiehed in konsiderazzjoni, u l-Qorti ghandha ghalhekk tapplika s-**Sub-Artikolu (3) tal-Art. 1640 tal-Kodici Civili**. Illi l-attur ma pprezenta l-ebda ricevuti dwar l-ispejjez li huwa nkorra. Dwar l-utilita' ta' dawn l-ispejjez u tax-xoghol li ghamel jirrizulta li ma kien hemm l-ebda, tant li l-*grease trap* u l-katusa ta' maghha kellhom jinbidlu kompletament.

Illi l-konvenuta allegat ukoll li kien hemm xoghlijiet ohra li m'ghamilx pero' ma gabet l-ebda prova dwar dan. Fl-affidavit taghha sostniet li huwa naqqas biss Lm100. Din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandhom jitnaqqsu Lm200 u mhux Lm100. B'hekk b'referenza ghad-dokument Dok. “JM2” (a fol. 30 tal-process) fejn hemm imnizzel li hu dovut

Lm1,000 din il-Qorti tiddeciedi li ghandhom ikunu dovuti Lm900.

Illi inoltre' l-attur talabha wkoll Lm200 ghat-tqeghid tal-madum tal-hajt tal-kcina. Dan meta skond l-istima t-tqeghid tal-madum tal-hajt tal-kcina u *toilet* kollox flimkien kellu jqum Lm250. B'hekk anke f'dan il-kaz il-Qorti se tuza' d-diskrezzjoni taghha u tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' Lm150 bhala li huma dovuti lill-attur.

Illi jinghad ukoll li l-attur dahhal fil-kont tieghu l-ammont ta' Lm372 bhala spejjez ta' materjal. Il-konvenuta ssostni li l-materjal kin inkluz fl-istima originali u ma kellux jithallas apparti. Illi pero' fl-istima mmarkata Dok "JD1" (a fol. 50 tal-process) hemm imnizzel car li kull xahar kellu jinqata' l-kont tal-ispejjez u parti mill-kont tax-xoghol li jkun sar. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li kien sar kliem fis-sens li spejjez kienu ghalihom u l-kont tax-xoghol ghalihom. Illi nonostante dan, pero' jinghad li l-attur ma pproduca l-ebda ricevuta biex juri kif nefaq il-flus li qed jitlob. Kwindi dan l-ammont mitlub mill-attur ma jistax jigi likwidat favur tieghu stante li naqas li jipproduci l-provi necessarji.

Illi b'hekk ghal dawn ir-ragunijiet dawn iz-zewg eccezzjonijiet qed jigu milqugha *in parte* kif fuq spjegat.

(iv) **<u>IL-HAMES ECCEZZJONI</u>**

Illi fl-ahharnett il-konvenuta eccepiet ukoll illi meta kien qed

isir diskors dwar il-hlas, l-attur ma kienx lest jirrilaxxja r-ricevuti skond il-ligi. Illi ghalkemm hemm din l-allegazzjoni l-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova dan. Lanqas li kieku, it-taxxa dejjem tkun dovuta.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghar-ragunijet fuq imsemmija tiddeciedi li l-ammont likwidat bhala dovut mill-konvenuta lill-attur bhala prezz ta' xoghlijiet rezi huwa ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050), u inoltre' l-ammont ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltin centezmu (Lm157.50) dovuti bhala V.A.T.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet in parte, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** fil-konfront tal-konvenuta b'dan u fis-sens biss hawn indikat b'hekk illi:

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050) dovuti bhala prezz ta' xoghlijiet rezi mill-attur fuq ordni tal-istess; kif ukoll is-somma ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm157.50) dovuti bhala V.A.T. wara d-debita ricevuta, b'kollox amontanti ghas-somma ta' elf, mitejn u seba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1,207.50).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Ottubru 1996 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kontestwalment jigu sopportati terz ($^1/_3$) mill-attur u zewg terzi ($^2/_3$) mill-konvenuta, kif ukoll bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Marzu 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Marzu 2002**